# Ħu Azzjoni għall-Edukazzjoni Inklużiva

## Ir-Riflessjonijiet u l-Proposti tad-Delegati

EUROPEAN AGENCY
for Special Needs and Inclusive Education

# ĦU AZZJONI GĦALL-EDUKAZZJONI INKLUŻIVA

**Ir-Riflessjonijiet u l-Proposti tad-Delegati**

**L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva**

L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) hija organizzazzjoni indipendenti u awtonoma, sostnuta mill-pajjiżi membri tal-Aġenzija u l-istituzzjonijiet Ewropej (il-Kummissjoni u l-Parlament).

Kofinanzjat mill-Programm tal-Unjoni Ewropea Erasmus+

Is-sostenn tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix l-approvazzjoni tal-kontenut li jirrifletti l-fehmiet tal-awturi biss, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għall kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li hemm fiha.

Il-fehmiet espressi minn kwalunkwe individwu f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirrappreżentaw il-fehmiet uffiċjali tal-Aġenzija, il-pajjiżi membri tagħha jew il-Kummissjoni. Il-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan id-dokument.

Edituri: Victoria Soriano u Mary Kyriazopoulou, Personal tal-Aġenzija

Estratti mid-dokument huma permessi sakemm issir referenza ċara għas-sors. Referenza għal dan ir-rapport għandha ssir kif ġej: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva, 2016. *Ħu Azzjoni għall-Edukazzjoni Inklużiva: Ir-Riflessjonijiet u l-Proposti tad-Delegati.* Odense, id-Danimarka: L-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva

Bil-għan li tinkiseb aċċessibbiltà ikbar, dan ir-rapport huwa disponibbli fi 23 lingwa u huwa f'format elettroniku aċċessibbli fuq il-websajt tal-Aġenzija: www.european-agency.org

ISBN: 978-87-7110-609-1 (Elettroniku)

ISBN: 978-87-7110-586-5 (Stampat)

**© European Agency for Special Needs and Inclusive Education 2016**

Segretarjat
Østre Stationsvej 33
DK-5000 Odense C Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell
Rue Montoyer, 21
BE-1000 Brussels Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**

## WERREJ

**DAĦLA** .......... **5**

**INTRODUZZJONI** .......... **6**

**IR-RIFLESSJONIJIET U L-PROPOSTI TAD-DELEGATI ŻGĦAŻAGĦ** .......... **8**

Il-messaġġi u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali .......... 9

*1. Kollox dwarna, magħna* .......... *9*
*2. Skejjel mingħajr xkiel* .......... *10*
*3. Inkissru l-isterjotipi* .......... *13*
*4. Id-diversità hija t-taħlita, l-inklużjoni hija dik li tgħin lit-taħlita taħdem* .......... *16*
*5. Insiru ċittadini sħaħ* .......... *19*

**KUMMENTI FINALI** .......... **21**



**Figura 1: Il-bnadar tal-pajjiżi membri tal-Aġenzija**

# DAĦLA

Il-pajjiżi membri tal-Aġenzija Ewropea għall-Ħtiġijiet Speċjali u l-Edukazzjoni Inklużiva (l-Aġenzija) qablu li jkollhom Seduta ta' Smigħ Ewropea fl-2015.

Din hija r-raba' darba li l-Aġenzija organizzat avveniment bħal dan. Tnejn mis-Seduti ta' Smigħ seħħew fil-Parlament Ewropew fi Brussell (2003 u 2011), filwaqt li l-oħra saret fil-Parlament Portugiż f'kooperazzjoni mal-Ministeru tal-Edukazzjoni Portugiż u l-Presidenza Portugiża tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (2007).

L-avveniment tal-2015 kien organizzat b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Presidenza tal-Lussemburgu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Ministeru tal-Edukazzjoni, it-Tfal u ż-Żgħażagħ tal-Lussemburgu.

Tnejn u sebgħin żagħżugħ u żagħżugħa, kemm bi bżonnijiet edukattivi speċjali u/jew b'diżabilitajiet kif ukoll le, ġew mistiedna jirriflettu fuq u jiddiskutu kif l-edukazzjoni inklużiva ġiet implimentata fl-ambjenti edukattivi tagħhom. Ir-riżultati tad-diskussjonijiet tagħhom ipproduċew eżempji tajbin għal azzjonijiet li jirrigwardaw l-edukazzjoni inklużiva.

Madwar 250 parteċipant u parti interessata minn 28 pajjiż membru tal-Aġenzija, kif ukoll dawk li jfasslu l-politika u rappreżentanti minn istituzzjonijiet Ewropej u internazzjonali, attendew għall-avveniment.

L-Aġenzija ppreparat dan ir-rapport fuq il-bażi tad-diskussjonijiet taż-żgħażagħ u r-riżultati ppreparati fis-seduta plenarja.

Għall-Aġenzija, kien pjaċir u unur li organizzajna dan l-avveniment. Nixtiequ b'mod speċjali nirringrazzjaw lit-72 delegat żagħżugħ u żagħżugħa, kif ukoll lill-familji tagħhom, lill-għalliema u lill-personal ta' sostenn, lill-ministeri tal-edukazzjoni, lir-rappreżentanti mill-organizzazzjonijiet Ewropej u internazzjonali u, fl-aħħar nett, lill-Ministeru tal-Edukazzjoni, it-Tfal u ż-Żgħażagħ tal-Lussemburgu għall-parteċipazzjoni u l-impenn tagħhom. Mingħajr dawn kollha, ma kienx ikun possibbli li jiġi organizzat avveniment importanti bħal dan.

| | |
|---|---|
| Per Ch Gunnvall | Cor J.W. Meijer |
| President | Direttur |

## INTRODUZZJONI

Fis-16 ta’ Ottubru 2015, il-Presidenza tal-Lussemburgu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea organizzat ir-raba’ Seduta ta’ Smigħ tal-Aġenzija, bit-titlu “L-Edukazzjoni Inklużiva – Ħu Azzjoni!”. Tnejn u sebgħin żagħżugħ u żagħżugħa minn madwar l-Ewropa, kemm bi bżonnijiet edukattivi speċjali u/jew b'diżabilitajiet kif ukoll le, kellhom l-opportunità biex jiddiskutu kif l-iskejjel u l-komunitajiet tagħhom jiżguraw l-edukazzjoni inklużiva għalihom.

Fid-diskors tal-ftuħ tiegħu, Claude Meisch, il-Ministru tal-Edukazzjoni, it-Tfal u ż-Żgħażagħ tal-Lussemburgu, irrefera għall-pubblikazzjoni tal-*Karta Tal-Lussemburgu* fl-1996, bħala riżultat tal-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam tal-integrazzjoni tal-iskejjel. Huwa esprima s-sodisfazzjon tiegħu li, kważi 20 sena wara *l-Karta*, il-Lussemburgu kien qed jikkoordina r-*Rakkomandazzjonijiet tal-Lussemburgu* li rriżultaw mis-Seduta ta’ Smigħ tal-2015, li hu kien imbagħad ippreżenta lill-kollegi tiegħu fil-Kunsill tal-Ministri tal-Edukazzjoni fit-23 ta’ Novembru 2015. Is-Sur Meisch ħeġġeġ lid-delegati żgħażagħ biex jieħdu l-opportunità ħalli jesprimu ruħhom liberalment, u jippreżentaw il-miżuri inklużivi li jibbenefikaw minnhom fl-iskejjel tagħhom u l-aspetti li jeħtieġu jiġu mtejjba. Huwa ddeskriva l-iżviluppi u t-titjib ewlenin lejn l-inklużjoni fis-sistema tal-edukazzjoni tal-Lussemburgu.

Fil-preżentazzjoni tagħha, is-Sinjura Marianne Vouel, Direttriċi tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni Speċjali fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, it-Tfal u ż-Żgħażagħ tal-Lussemburgu, iddikjarat b’mod espliċitu li l-professjonisti u dawk li jfasslu l-politika jaqsmu l-istess tħassib bħall-istudenti u li dawn qed jistinkaw biex itejbu l-kwalità tal-edukazzjoni. Għandha titpoġġa enfasi fuq l-istudenti bi ħtiġijiet iżjed kumplessi, għaliex dawn ukoll ħaqqhom ikunu viżibbli. Hi enfasizzat li kulħadd huwa differenti u kulħadd għandu ħtiġijiet differenti. Sfida ewlenija għas-sistemi tal-edukazzjoni hija li dawn ikunu konxji minn u jwieġbu għad-diversità.

(It-test sħiħ tal-preżentazzjonijiet tal-uffiċjali tal-Lussemburgu huwa disponibbli fuq il-websajt tas-Seduta ta’ Smigħ: https://www.european-agency.org/events/takeaction.)

L-avveniment kellu l-għan li jagħti s-setgħa lill-istudenti u jiżgura l-involviment tagħhom fil-formazzjoni tal-politiki tal-edukazzjoni. L-idea kienet li l-istudenti li għandhom 15/16-il sena, minn 28 pajjiż membru tal-Aġenzija, jippreżentaw kif l-edukazzjoni inklużiva tiġi implimentata fl-iskejjel tagħhom u biex jgħinu jidentifikaw il-progress li sar fl-edukazzjoni inklużiva sa mill-ewwel Seduta ta’ Smigħ fl-2003.

Din is-Seduta ta’ Smigħ segwiet mir-riżultati tat-tliet Seduti ta’ Smigħ preċedenti tal-Aġenzija, li saru fi Brussell (2003 u 2011; https://www.european-agency.org/events/young-views-on-inclusive-education-european-hearing-2011-brussels) u f’ Lisbona (2007; https://www.european-agency.org/events/young-

voices-meeting-diversity-in-education). Aktar minn 240 żagħżugħ u żagħżugħa, li jirrappreżentaw l-edukazzjoni sekondarja, vokazzjonali u ogħla, ipparteċipaw fit-tliet Seduti ta' Smigħ preċedenti.

Fil-preparazzjoni għall-avveniment, it-72 parteċipant żagħżugħ u żagħżugħa rċevew dokument bir-riżultati ewlenin tat-tliet Seduti ta' Smigħ preċedenti, kif ukoll xi mistoqsijiet għal riflessjoni u diskussjoni fl-iskejjel rispettivi tagħhom.

Il-mistoqsijiet għad-diskussjoni kienu jirreferu għall-modi li bihom l-iskejjel tagħhom jagħtuhom sostenn fl-edukazzjoni tagħhom, eżempji ta' kif l-għalliema u l-ħbieb tal-klassi jieħdu inkunsiderazzjoni l-ħtiġijiet tagħhom, l-aċċessibbiltà, l-organizzazzjoni tal-klassijiet u suġġerimenti għal modi biex jiġu ssuperati l-ixkilijiet għall-inklużjoni.

Matul is-Seduta ta' Smigħ, l-istudenti żgħażagħ, maqsumin f'sitt workshops, kellhom l-opportunità li jkomplu jiddiskutu dawn il-kwistjonijiet u l-mistoqsijiet prinċipali, jaqsmu l-esperjenzi personali tagħhom u jwasslu wkoll il-messaġġi tal-pari tagħhom.

Ir-riżultati ewlenin tad-diskussjonijiet tal-workshop ġew ippreżentati fis-sessjoni plenarja, fil-forma ta' messaġġi prinċipali, u kienu l-bażi għall-formulazzjoni tar-*Rakkomandazzjonijiet tal-Lussemburgu*.



**Figura 2: Id-delegati żgħażagħ u rappreżentanti oħra fis-Seduta ta' Smigħ Ewropea**

## IR-RIFLESSJONIJIET U L-PROPOSTI TAD-DELEGATI ŻGĦAŻAGĦ

Ir-riżultati tas-Seduta ta' Smigħ tal-2015 huma konformi ma' u jibnu fuq ir-riżultati tat-tliet Seduti ta' Smigħ preċedenti organizzati mill-Aġenzija fl-2003, l-2007 u l-2011. Ir-riżultati minn dawn is-Seduti ta' Smigħ preċedenti rrapportaw li sar progress rigward l-edukazzjoni inklużiva fil-pajjiżi Ewropej differenti.

L-Aġenzija żviluppat korp ta' għarfien ibbażat fuq ir-riżultati ewlenin tad-diskussjonijiet tal-istudenti żgħażagħ fit-tliet Seduti ta' Smigħ preċedenti. Dan wassal ukoll għall-istabbiliment ta' ċerti prinċipji li jeħtieġu jiġu kkunsidrati fl-implimentazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva. Dawn jinkludu:

- **Prinċipji ta' gwida dwar id-drittijiet relatati ma':**
  - *Ir-rispett:* id-dritt li tkun rispettat, li tkun involut kompletament fid-deċiżjonijiet kollha li jikkonċernawk u li ma tkunx iddiskriminat.
  - *Il-kwalità u l-ekwità fl-edukazzjoni:* id-dritt li tingħata edukazzjoni ta' kwalità, ta' opportunitajiet ta' ugwaljanza fl-edukazzjoni, u għal sostenn xieraq li jippermetti aċċess u parteċipazzjoni sħiħa fl-attivitajiet edukattivi u fl-iskejjel mal-gruppi ta' pari lokali tiegħek.
  - *Il-ħajja soċjali u tax-xogħol:* id-dritt li tgħix indipendentement, li jkollok familja, li jkollok dar adatta, li ssegwi aktar studji (l-università), li jkollok impjieg u ma tkunx separat minn persuni b'diżabilitajiet fl-oqsma kollha ta' ħajtek.
- **Il-prinċipju ewlieni dwar il-benefiċċji tal-edukazzjoni inklużiva:**
  - Inti tikseb iżjed ħiliet soċjali, titgħallem kif tgħix flimkien mal-pari tiegħek, titgħallem tkun aktar b'saħħtek u indipendenti – filwaqt li tiġġieled id-diskriminazzjoni u l-isterjotipar –, inti titgħallem kif tirnexxi fid-dinja reali, u tkun ippreparat aħjar biex issib impjieg aktar 'il quddiem. Dan huwa l-ewwel pass biex issir membru sħiħ tas-soċjetà. L-edukazzjoni inklużiva hija ta' benefiċċju għal kulħadd – tinfetaħ dinja ġdida u d-diversità hija pożittiva.

Fis-Seduta ta' Smigħ tal-2015, iż-żgħażagħ esprimew is-sodisfazzjon ġenerali tagħhom bl-edukazzjoni tagħhom. Madankollu, dawn enfasizzaw ukoll in-nuqqasijiet eżistenti fl-edukazzjoni tagħhom u ppreżentaw proposti konkreti. Is-sitwazzjoni tal-edukazzjoni rapportata miż-żgħażagħ, kif ukoll il-proposti tagħhom, inġabru fil-qosor biex jifformaw il-bażi tar-*Rakkomandazzjonijiet tal-Lussemburgu*. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom l-għan li jsostnu l-implimentazzjoni tal-edukazzjoni inklużiva bħala l-aħjar għażla fejn jeżistu l-kundizzjonijiet meħtieġa. Ir-rakkomandazzjonijiet huma raggruppati f'madwar ħames messaġġi importanti li ż-żgħażagħ esprimew matul id-diskussjonijiet tagħhom u l-preżentazzjoni tar-riżultati.

## Il-messaġġi u r-rakkomandazzjonijiet prinċipali

### *1. Kollox dwarna, magħna*

L-ewwel messaġġ – *Kollox dwarna, magħna* – jikkonċerna l-involviment dirett taż-żgħażagħ fit-teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernawhom:

- Il-vuċijiet taż-żgħażagħ, kif ukoll tal-familji tagħhom, għandhom jinstemgħu u jiġu kkunsidrati f'kull deċiżjoni li tittieħed li tikkonċernahom direttament jew indirettament.
- Iż-żgħażagħ għandhom jiġu mistoqsija dwar il-bżonnijiet tagħhom.
- L-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ għandhom ikunu involuti b'mod sistematiku.

Iż-żgħażagħ esprimew b'mod ċar li huma u l-familji tagħhom jeħtieġu jkunu involuti attivament u li jinstemgħu qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet, u li tingħata kunsiderazzjoni għall-ħtiġijiet u x-xewqat reali tagħhom. Bl-istess mod, dawn jirsistu għar-rwol pożittiv li għandu l-involviment sistematiku tal-organizzazzjonijiet differenti taż-żgħażagħ u tal-persuni b'diżabilitajiet. Dawn iqisu lil dawn l-organizzazzjonijiet bħala kruċjali fis-sostenn tagħhom. Il-kunsilli tal-istudenti tal-iskejjel jew il-parlamenti tal-istudenti għandhom rwol differenti. Il-parteċipazzjoni u l-involviment taż-żgħażagħ f'dawn il-kunsilli huma perċepiti bħala mod importanti kif ikunu involuti kompletament fil-ħajja skolastika, u dawn huma mħeġġa sew.

*Eżempji mogħtija mid-delegati*

<u>L-involviment tal-istudenti u tal-familji:</u>

> *Meta jitwettqu strateġiji ġodda, hemm il-ħtieġa li ż-żgħażagħ (bi bżonnijiet edukattivi speċjali) jkunu inklużi fit-tfassil ta' policies fuq kull livell, mill-gvern sal-prattika ta' kuljum. Għandhom jiġu kkunsidrati l-bżonnijiet tal-individwu* (Amund u Helene, in-Norveġja).
>
> Huwa importanti ħafna li l-ġenituri jkunu involuti fid-deċiżjonijiet li jikkonċernaw lil uliedhom (Jack, ir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq; Kristina, is-Slovakkja).

<u>Il-kunsilli tal-istudenti:</u>

> *Inħossni parti mill-klassi. Jien membru tal-kunsill tal-istudenti u ġejt elett mill-ħbieb tal-klassi tiegħi. Għandi għalliem ta' sostenn li jgħinni* (Andrea, Malta).
>
> *Għandna kunsill tal-istudenti fl-iskola li jiffoka fuq il-kooperazzjoni mal-istudenti bi bżonnijiet speċjali. It-tfal li huma parti mill-kunsill tal-iskola jieħdu parti*

*speċjalment attiva* (Agné u Kornelijus, il-Litwanja).

*Napprezza l-kunsill tal-istudenti li fih nista' nagħti l-opinjoni tiegħi dwar il-pjanijiet* (Blake, l-Irlanda).

*Saul ġie elett biex ikun il-"head boy"* (pożizzjoni għolja fil-kunsill tal-istudenti) *mill-voti tat-tfal fl-iskola* (Alexander u Saul, ir-Renju Unit – l-Ingilterra).

L-involviment tal-organizzazzjonijiet:

*F'pajjiżi, għandna assoċjazzjoni nazzjonali. Permezz ta' din l-organizzazzjoni aħna nsolvu wħud mill-problemi. L-użu tas-sottotitoli, li huwa importanti ħafna għal persuni bi problemi ta' smigħ. L-organizzazzjoni tieħu l-films u żżidilhom is-sottotitoli* (Javier, Spanja).

*F'pajjiżi, hemm organizzazzjoni tajba ħafna. Pereżempju, din għandha klassijiet għal studenti b'diżabilitajiet li ma jistgħux isegwu klassi normali. U dawn jingħataw tagħlim privat fl-organizzazzjoni. Għandna wkoll organizzazzjoni oħra msejjħa "id-dar għall-persuni nieqsa mid-dawl" u din ittejjeb il-ħajja ta' dawk li huma nieqsa mid-dawl* (Céline u Florence, il-Lussemburgu).

*F'pajjiżi, hemm assoċjazzjoni għal persuni li ma jistgħux jaraw sew jew li huma nieqsa mid-dawl. Din l-assoċjazzjoni tagħtini l-opportunità biex naqra fuq il-kompjuter tiegħi. Permezz tal-iPad jew il-kompjuter tiegħi, nista' naqra informazzjoni* (Lorenzo u Matteo, l-Italja).

*F'pajjiżi, hemm assoċjazzjonijiet speċjali li jgħinu lit-tfal b'diżabilitajiet. Dawn jippromwovu soluzzjonijiet għall-problemi u jikkooperaw mill-qrib mal-Ministeru tal-Edukazzjoni* (Georgia u Minas, Ċipru; Stefanos u Georgios, il-Greċja).

*F'pajjiżi, hemm soċjetà għad-dyslexia. Din għandha websajt speċjali biex tavża lin-nies dwar il-punti pożittivi u n-nuqqasijiet tad-dyslexia* (Erazem u Primož, is-Slovenja).

*Nemmen li għandha nappellaw lill-politikanti u nippruvaw nagħtu kemm nistgħu sostenn lil dawn l-organizzazzjonijiet. Dawn għandhom rwol pożittiv f'ħajjitna. Dawn jgħinuna niddefendu d-drittijiet tagħna. Dawn jgħinuna nqajmu kuxjenza fis-soċjetà* (Adrià, moderatur, Spanja).

***2. Skejjel mingħajr xkiel***

It-tieni messaġġ – *Skejjel mingħajr xkilijiet* – huwa relatat mal-eliminazzjoni ta' kull xkiel fiżiku u tekniku:

- Ħafna xkilijiet diġà ġew issuperati fl-iskejjel, iżda jridu jitneħħew l-ixkilijiet kollha sabiex ikun hemm il-kapaċità fiżika li jintlaħqu ċ-ċentri edukattivi lokali, jinkiseb aċċess faċli għalihom u l-moviment fihom.
- Il-bini edukattiv li għaddej minn rikostruzzjoni jew modernizzazzjoni għandu jirrispetta l-prinċipji ta' aċċessibbiltà, bħall-ħolqien ta' spazji multifunzjonali u/jew kwieti fl-iskejjel, kif ukoll li tiżdied id-disponibbiltà ta' tagħmir edukattiv flessibbli.
- Għandu jkun hemm disponibbli għajnuniet tekniċi u materjali edukattivi adegwati skont il-bżonnijiet individwali.

Iż-żgħażagħ iddiskutew erba' kwistjonijiet. L-ewwel nett, l-ilħuq taċ-ċentri edukattivi xorta jista' jkun ta' sfida. L-użu tat-trasport pubbliku hija l-għażla preferuta, iżda dan ifisser li jrid jiġi adattat. It-trasport speċjali huwa perċepit bħala alternattiva biss meta ma jkun hemm l-ebda għażla oħra. Skont iż-żgħażagħ, in-nuqqas ta' trasport konvenjenti jidher li huwa fattur wieħed, fost oħrajn, li jipprevjeni lill-istudenti milli jattendu l-iskola lokali tagħhom.

It-tieni nett, iż-żgħażagħ irrapportaw li l-aċċess għall-iskejjel tjieb. Dawn esprimew sodisfazzjon ċar bl-adattabilità u l-aċċessibbiltà tal-iskejjel tagħhom, kemm formalment – permezz tal-installazzjoni ta' rampi, liftijiet u tojlits adattati – kif ukoll "kreattivament" – meta l-iskejjel u l-ħbieb tal-klassi (l-aktar) jkunu lesti jgħinu fil-każ ta' diffikultajiet (meta l-lift ma jkunx qed jaħdem, pereżempju). Huwa meħtieġ ċertu titjib biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ħruġ tal-emerġenza, għal kmamar differenti bħall-ġinnasju u l-kafetterija, jew l-aċċess għal-liftijiet meta tkun meħtieġa ċavetta biex tiftaħhom. Huwa importanti li jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza personali tal-istudenti kollha.

It-tielet nett, il-moviment fl-iskola qed jittejjeb u jiġi ffaċilitat. Iż-żgħażagħ irrapportaw l-eżistenza ta' kurituri wesgħin u l-preżenza ta' sinjali bil-Braille fil-postijiet meħtieġa. Postijiet kwieti u spazji multifunzjonali fl-iskejjel huma perċepiti bħala faċilitatur għall-istudenti kollha, u dawn għandhom ikunu implimentati aktar sikwit. Id-delegati indikaw li l-lezzjonijiet iseħħu fil-klassijiet li l-ħbieb kollha tal-klassi jistgħu jaċċessaw.

Fl-aħħar nett, għajnuniet u materjali tekniċi adatti qed ikunu dejjem iżjed disponibbli u jikkostitwixxu rekwiżit għall-inklużjoni.

L-istudenti żgħażagħ enfasizzaw li ma hemm l-ebda soluzzjoni universali, għalhekk huwa importanti ħafna li wieħed jistaqsi dwar u jirrispetta l-ħtiġijiet individwali. L-iskejjel għandhom ikunu flessibbli u kapaċi jimprovizzaw bl-alternattivi. Il-faċilitajiet fl-iskola għandhom ikopru l-ħtiġijiet kollha tal-istudenti.

*Eżempji mogħtija mid-delegati*

L-aċċessibbiltà fit-triq lejn l-iskola:

*Ix-xarabanks tal-iskola għandhom ikunu aċċessibbli. L-istudenti kollha jeħtieġu jkunu jistgħu jipparteċipaw fl-attivitajiet kollha, bħall-isport …* (Blake, l-Irlanda).

*Hemm trasport adattat għall-istudenti b'diżabilità fiżika, iżda l-istudenti nieqsa mid-dawl jużaw it-trasport pubbliku bħall-istudenti l-oħrajn kollha* (Reinis u Georgs, il-Latvja; Lillý, l-Iżlanda; Elisabeth, l-Estonja).

*Għandna l-għażla wkoll li nieħdu taxi, iżda l-baġit huwa limitat, għalhekk nistgħu nużawh biss ċertu numru ta' drabi* (Elisabeth, l-Estonja).

L-aċċessibbiltà fl-iskola:

*L-iskola hija aċċessibbli għall-istudenti b'diżabilitajiet fiżiċi u għall-utenti tas-siġġijiet tar-roti, eż. rampi, liftijiet, tojlits aċċessibbli, eċċ.* (Matteo, l-Italja; Georgios, il-Greċja; Lillý u Hrefna, l-Iżlanda; Rolf u Casper, id-Danimarka; Dénes u Borbála, l-Ungerija; Tom u Paul, il-Ġermanja; Miguel Ângelo, il-Portugall; Kristina u Tova, l-Iżvezja).

*Għandna liftijiet fl-iskola sekondarja tagħna, iżda fiha wkoll ħafna taraġ. Erba' sulari, u jrid ikollok ċavetta biex tuża l-lift, u dan jagħmel l-affarijiet aktar ikkumplikati. L-iskola wegħdet li ttejjeb is-sitwazzjoni* (Eelis, il-Finlandja).

*L-ostakoli fiżiċi jeħtieġu jiġu kkunsidrati meta jiġu mfassla pjanijiet għar-rikostruzzjoni ta' skola. Iridu jiġu allokati biżżejjed flus mill-baġit* (Robert, ir-Renju Unit – L-Irlanda ta' Fuq).

*L-iskola tiegħi tipprova ssib fondi biex jitneħħa kull ostakolu li fadal, iżda dan huwa diffiċli* (Natalia u Marcin, il-Polonja).

*Minħabba li l-iskola tiegħi nbniet mill-ġdid sentejn ilu, il-kundizzjonijiet huma tajbin ħafna. Madankollu għad hemm ħafna storbju minħabba studenti oħrajn, li jista' jkun ostakolu fiżiku għalija* (David, il-Portugall).

*Hemm lift, iżda ma tistax taċċessa l-bini jekk tkun tuża siġġu tar-roti* (Jakob, l-Awstrija).

*Għandna lift, iżda l-bibien diffiċli tiftaħhom* (Paul, il-Ġermanja).

*Fl-iskola tiegħi, hemm id-dwal fl-entrati li jteptpu meta tmur fil-klassi. Hemm rampi u poġġamani għal persuni li għandhom problemi ta' mobilità jew li huma*

*f'siġġijiet tar-roti. L-għalliema ġew edukati dwar il-mod kif jaħdmu ma' persuni b'diffikultajiet ta' tagħlim. Hemm ukoll il-logopedy biex jgħinna, sabiex inkunu nistgħu nistudjaw fl-istess mod bħall-pari tagħna* (Javier, Spanja).

*Persuna li takkumpanjani qed tgħin fil-klassi. Il-lift ġie adattat għaliex hemm żewġ utenti ta' siġġijiet tar-roti fl-iskola. Hemm xi riskji fil-każ ta' nar fl-iskola. Darba minnhom, kien hemm prova tan-nar u kelli bżonn ninżel isfel u ġarrewni xi studenti oħrajn u ħassejtni veru mbeżża'* (Lucas, il-Belġju – komunità li titkellem bil-Fjamming).

L-aċċessibbiltà fil-klassi:

*L-iskola qed tuża l-Braille għal studenti nieqsa mid-dawl. Il-materjali tat-tagħlim huma disponibbli bil-Braille* (Tova, l-Iżvezja; Reinis u Georgs, il-Latvja; Emili u Elisabeth, l-Estonja).

*Għandi limitazzjoni fis-smigħ. Għalhekk nuża l-headphones li nista' nikkonnettja biex nisma' aħjar. L-għalliema huma mmotivati biex jitgħallmu dwar id-diżabilitajiet differenti, biex jgħinuna nissuperaw il-problemi* (Lucía, Spanja).

*Basktijiet tqal bil-kotba wkoll jistgħu jkunu ostakolu fiżiku. Il-kotba elettroniċi, il-laptops u t-tablets huma t-triq li għandna nsegwu* (Dénes, l-Ungerija).

### *3. Inkissru l-isterjotipi*

It-tielet messaġġ – *Inkissru l-isterjotipi* – huwa kollu dwar il-kunċett tan-"normalità". Jekk naċċettaw li kulħadd huwa differenti, allura minn huwa "normali"?

- Li l-għalliema, il-personal tal-iskola, iż-żgħażagħ, il-familji u s-servizzi ta' sostenn ikunu pprovduti b'informazzjoni affidabbli dwar il-bżonnijiet differenti tal-istudenti huwa importanti ħafna biex jitrawwmu r-rispett u t-tolleranza reċiproċi.
- Id-diversità għandha tkun perċepita bħala fatt pożittiv; valur kondiviż għandu jkun "li d-diżabilità titqies bħala normali".
- Kulħadd huwa differenti u kulħadd għandu jkun aċċettat. It-tolleranza hija bbażata fuq li nifhmu 'l xulxin.
- Il-komunità edukattiva teħtieġ tkun aktar konxja dwar, u iktar tolleranti lejn, persuni b'diżabilitajiet.

Hija meħtieġa informazzjoni tajba – kontra d-diskriminazzjoni u l-bullying, pereżempju – biex jiġi żgurat li din l-idea importanti tiġi aċċettata. L-informazzjoni rilevanti teħtieġ tiġi indirizzata lill-għalliema, lill-persunal tal-iskola – inkluż lill-

maniġment –, lill-ħbieb tal-klassi, lill-familji u lil kwalunkwe servizz involut fl-iskola, sabiex jinbidlu l-attitudnijiet.

L-aħjar riżultat ser ikun ir-rispett reċiproku u t-tolleranza. Id-diversità mhux sfida, iżda sitwazzjoni pożittiva u normali; id-diżabilità mhijiex anormali; it-tolleranza hija bbażata fuq li wieħed jifhem lill-ieħor. Iż-żgħażagħ enfasizzaw li l-attitudnijiet jeħtieġu jinbidlu, sabiex huma jiġu kkunsidrati għal dak li JISTGĦU jagħmlu u mhux għad-diżabilità tagħhom.



**Figura 3: Id-delegati żgħażagħ (Jack Love, ir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq; Blake O'Gorman, l-Irlanda; Nakita Hallissey, l-Irlanda; u Robert Gault, ir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq) jesprimu l-opinjonijiet tagħhom**

*Eżempji mogħtija mid-delegati*

Inżidu l-għarfien:

*Taħriġ kontra d-diskriminazzjoni u l-bullying kieku jgħin. Għandna niġu kkunsidrati għal dak li nistgħu nagħmlu u mhux għad-dehra tagħna* (Lucie, ir-Repubblika Ċeka).

*L-istudenti mhumiex ċerti dwar kif jittrattaw mad-diżabilitajiet. Inħossni*

*attakkat u mdejjaq ħafna meta nħossni qed niġi osservat b'mod intensiv* (Johannes, il-Ġermanja).

*Huwa faċli li teħodha kontra persuni li ma tifhimx. Trid tispjega xi tfisser tkun nieqes mid-dawl, sabiex in-nies ikunu jistgħu jifhmuk* (Emelie, l-Iżvezja).

*Huma meħtieġa iktar rispett u fehim mill-għalliema. L-istudenti bil-bżonnijiet speċjali ma għandhomx iħossuhom maqtugħin mis-soċjetà. It-tfal kollha għandhom jiġu megħjunin iħossuhom parti mil-grupp* (Jack, ir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq).

*Hemm għalliema li jemmnu li jekk aħna nieqsa mis-smigħ jew għandna diżabilità, aħna inqas importanti mill-istudenti l-oħrajn. Dawn għandhom jiġu edukati. Kun af li aħna l-istess bħal kwalunkwe persuna oħra* (Céline, Florence u Lara, il-Lussemburgu).

*Nemmnu li s-soċjetà teħtieġ taċċetta lil kulħadd, għal dak li huma. Mhux biss bid-diżabilità tagħhom. Iżda anke s-sess tagħhom, ir-razza tagħhom, il-passatempi tagħhom. Nemmen li ninsabu f'livell pjuttost tajjeb ta' tolleranza. Madankollu, għad hemm xogħol li jrid isir. L-aħjar strument biex niġġieldu kontra d-diskriminazzjoni hija t-tolleranza. Irridu nżidu l-għarfien dwar id-differenzi bejnietna* (Adrià, moderatur, Spanja).

*Li jiġu organizzati kampanji kontra l-bullying. Li nippruvaw nikkomunikaw u nżommu konnessjonijiet mal-istudenti bi bżonnijiet edukattivi speċjali; li nistednuhom għal avvenimenti u attivitajiet soċjali* (Agné u Kornelijus, il-Litwanja).

*Irridu nżidu l-għarfien dwar l-istudenti b'diżabiltà: studenti oħrajn ma jafux x'għandhom jgħidu u jibżgħu li sejrin jinsulentaw lit-tfal b'diżabilitajiet. L-għalliema għandhom bżonn iżjed taħriġ, u l-iskejjel jeħtieġu iktar sostenn mill-awtoritajiet* (Elisabeth, l-Estonja).

*Il-komunikazzjoni hija l-qofol tas-suċċess. Il-komunikazzjoni dwar dak li twettaq sew. Il-qsim tal-esperjenzi. Kunsilli speċjali biex tintlaħaq l-inklużjoni. Ajjutanti pari, voluntiera fil-klassi. L-għalliema għandhom jisimgħu l-istudenti u jkunu pari tagħhom* (Derrick u Mark, ir-Renju Unit – l-Iskozja; Saul u Alexander, ir-Renju Unit – l-Ingilterra).

<u>Esperjenzi pożittivi:</u>

*Kultant jiġu organizzati "lezzjonijiet dwar it-tolleranza". L-iskola tiegħi tenfasizza*

*t-trattament ugwali* (Natalia, il-Polonja).

*Il-ħbieb tal-klassi tiegħi jiċċajtaw dwar il-fatt li jien nieqes mid-dawl u dan jgħin u jagħmel persuni oħrajn iħossuhom rilassati. Għaliex in-nies iwettqu l-bullying? Ma jagħmlux dan bi skop; irrid nitgħallem ma neħodhomx bis-serjetà* (Tova, l-Iżvezja).

*L-attitudni tal-għalliem tgħin ħafna* (Isaac, Malta).

*Fil-bidu, ma stajtx nifhem lill-persuni b'diżabilitajiet. Iżda b'din il-konferenza, nifhem aħjar kif iħossuhom persuni b'diżabilitajiet u d-diffikultajiet li jesperjenzaw* (Lara, il-Lussemburgu).

*L-ebda bullying; skola ideali biex tkun fiha* (Pinja, il-Finlandja).

*Nagħmlu proġett fejn l-istudenti kollha huma mgħammda biex jifhmu aħjar is-sitwazzjoni tal-istudenti nieqsa mid-dawl. Ippruvajna wkoll nużaw il-bsaten tal-mixi biex inħallu l-istudenti kollha jgħixu d-diżabilità ta' xulxin* (Emili, l-Estonja; Eelis, il-Finlandja; Reinis, il-Latvja).

*Sa minn età żgħira, nitgħallmu li mhux kulħadd ġej mill-istess sfond. Għalhekk ma naħsbux dwar id-differenzi fil-klassi* (Lillý, l-Iżlanda).

### *4. Id-diversità hija t-taħlita, l-inklużjoni hija dik li tgħin lit-taħlita taħdem*

Ir-raba' messaġġ jiffoka fuq slogan użat minn ċerti żgħażagħ – *Id-diversità hija t-taħlita, l-inklużjoni hija dik li tgħin lit-taħlita taħdem:*

- Kulħadd għandu jiffoka fuq dak li *jista* jsir, mhux fuq dak li ma jistax.
- L-edukazzjoni għandha tkun kompletament aċċessibbli, u tirrispetta l-ħtiġijiet tal-istudenti kollha bħala l-bażi għal edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd.
- Il-kooperazzjoni fost l-għalliema u professjonisti oħra, kif ukoll l-għoti ta' opportunitajiet ta' taħriġ tajbin, huma fundamentali.
- L-għoti tal-appoġġ uman u/jew tekniku meħtieġ mill-għalliema u l-ħbieb tal-klassi huwa kruċjali.

Iż-żgħażagħ enfasizzaw l-effett pożittiv tal-implimentazzjoni tal-miżuri edukattivi, bħal pjanijiet ta' edukazzjoni individwali, programmi adattati, l-użu ta' għajnuniet tekniċi, is-sostenn ipprovduti mill-għalliema ta' sostenn jew l-assistenti, il-ħidma fi gruppi żgħar, kif ukoll l-organizzazzjoni flessibbli tal-eżamijiet (eżamijiet bil-miktub jew orali, pereżempju, li jinkludu ħin żejjed, eċċ). Dawn enfasizzaw li jekk jingħata iżjed ħin, it-testijiet ikunu inqas stressanti għalihom.

It-talba ewlenija taż-żgħażagħ kienet li l-għalliema u l-personal l-ieħor jiffukaw dejjem fuq dak li jista' jsir, aktar milli dak li ma jistax isir, u li jgħinuhom u jsostnuhom. Li tingħata attenzjoni lill-ħtiġijiet tal-istudenti kollha tinvolvi t-tisħiħ tas-saħħiet u l-kapaċitajiet, minflok tingħata attenzjoni lin-nuqqasijiet. Dawn indikaw ukoll li tgħallmu li għandhom id-dritt li jiksbu għajnuna, jekk tkun meħtieġa. Edukazzjoni aċċessibbli kompletament hija l-bażi għal edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd. Iż-żgħażagħ kienu konxji li l-għalliema, kif ukoll il-ħbieb tal-klassi tagħhom, għandhom rwol importanti fis-sostenn tagħhom. L-għalliema u l-ħbieb tal-klassi jeħtieġu iktar informazzjoni u taħriġ, f'livelli differenti skont ir-rwoli rispettivi tagħhom. Ir-riżultat ser ikun sostenn u fehim aħjar tal-ħtiġijiet ta' tagħlim.

Iż-żgħażagħ enfasizzaw ukoll il-ħtieġa għal kooperazzjoni aħjar fost l-għalliema, mhux biss biex jingħata s-sostenn meħtieġ, iżda wkoll biex jiġu żgurati fażijiet ta' tranżizzjoni aħjar tul l-edukazzjoni tagħhom.

*Eżempji mogħtija mid-delegati*

Suġġerimenti għall-għalliema:

> *L-għalliema għandhom jiffukaw fuq is-saħħiet tiegħi u mhux in-nuqqasijiet* (Michaela, ir-Repubblika Ċeka).
>
> *L-għalliema jippruvaw jispjegaw l-affarijiet b'mod ċar u jagħtu għajnuna meta din tkun meħtieġa, biex nitgħallmu flimkien f'pari jew fi gruppi* (Jakob u Til, l-Awstrija; Kristina, l-Iżvezja).

Esperjenzi personali:

> *Inħoss li l-iskola tiegħi riedet tintegrani, filwaqt li ċertu skejjel oħrajn ma xtaqux. L-għalliem tal-bżonnijiet speċjali għen ħafna* (João, moderatur, il-Portugall).
>
> *Hemm kemm esperjenzi pożittivi kif ukoll negattivi mal-għalliema u l-ħbieb tal-klassi. Jistgħu jiżolawk jew jgħinuk. Li nħossni "interessanti" għalihom għandu impatt negattiv fuq l-istudji tiegħi* (Robert, ir-Renju Unit – l-Irlanda ta' Fuq).
>
> *Huwa diffiċli li nesprimi dak li neħtieġ, iżda rrid nitgħallem li rrid nistaqsi sabiex inkun nista' nikseb xi ħaġa* (Johannes, il-Ġermanja).
>
> *L-għalliema u -ħbieb tal-klassi kollha jgħinu u jipprovdu l-appoġġ tagħhom, u għalhekk inħobb immur l-iskola* (Borbála, l-Ungerija; Miguel Ângelo, il-Portugall).
>
> *Nixtieq ngħid li nieħdu gost ħafna l-iskola, mal-istudenti ħbieb tagħna kif ukoll*

*mal-għalliema tagħna* (Georgia, Ċipru).

*L-iskola tiegħi tieħu ħsiebni ħafna u hija adatta sew* (Primož, is-Slovenja).

<u>Miżuri ta’ appoġġ:</u>

*Għandna għalliema ta' sostenn* (Jakob, l-Awstrija; Michaela, ir-Repubblika Ċeka; Tom, il-Ġermanja; Kristina, l-Iżvezja; Matteo, l-Italja; Dénes, l-Ungerija).

*L-għalliema jistennew u jagħtu ħin żejjed jekk dan ikun meħtieġ lil dawk li jitolbuh. Hemm kamra speċjali fejn tieħu brejk, biex tirrilassa* (Nakita, l-Irlanda; Andrea u Isaac, Malta).

*Jiġu pprovduti materjali differenti mill-għalliema skont il-ħtiġijiet tal-istudenti. Jingħata ħin żejjed jekk dan ikun meħtieġ* (Dénes, l-Ungerija; Maros, is-Slovakkja).

*Għandi assistent fil-klassi li jgħinni nifhem u jispjegali l-lezzjonijiet* (Mathilde u Thelma, Franza; Jade u Lucas, il-Belġju – komunità li titkellem bil-Fjamming).

*Jiġu organizzati eżamijiet orali minflok eżamijiet bil-miktub* (Jade u Lucas, il-Belġju – komunità li titkellem il-Fjamming).

*L-iskola għandha stampatur speċjali tal-Braille, sabiex it-testijiet kollha jiġu stampati bil-Braille* (Georgs, il-Latvja).

*Hemm il-possibbiltà li l-kamra tinqasam biex jinħolqu żoni kwieti* (Casper, id-Danimarka).

*25–30 student fil-klassi, li tista’ tkun xi ftit kbira wisq għall-ħtiġijiet tiegħi. Kultant l-interpretu ma jifhimx punt, iżda sħabi jispjegaw dak li jkun qed isir* (Eelis, il-Finlandja).

<u>Inżidu l-għarfien:</u>

*Naħseb li l-persuni b’diżabilità kultant iħossuhom xi ftit imwarrbin. Nitkellmu dwar id-diżabilitajiet mingħajr ma nafu t-tbatija li din il-kelma taħbi. Irridu npoġġu ruħna minflokhom. In-nies għandhom jirrealizzaw u jgħinu lill-persuni b’diżabilità jgħixu ħajja aħjar* (Lorenzo, l-Italja).

*Il-messaġġ li nixtieq nibgħat huwa li meta persuni mingħajr diżabilità jirrealizzaw li huma mdawwrin minn persuni b’diżabilità, jkunu jridu jieħdu ħsiebhom, daqslikieku kienu ħuhom jew oħthom* (Matteo, l-Italja).

*Fehim aħjar iwassal għal inqas bullying. L-għaqda tipprevjeni l-bullying* (Lillý, l-Iżlanda; Elisabeth, l-Estonja).

*Ma għandniex niġġeneralizzaw: jekk jien nesprimi bżonn, ma jfissirx li dan jgħodd għall-persuni kollha nieqsa mid-dawl* (Tova, l-Iżvezja).




**Figura 4: Intervista ma' Darnell With min-Netherlands**

### 5. *Insiru ċittadini sħaħ*

Il-ħames messaġġ – *Insiru ċittadini sħaħ* – huwa relatat mal-impatt tal-edukazzjoni inklużiva biex wieħed ikun inkluż kompletament fis-soċjetà:

- Huwa essenzjali li wieħed ikun inkluż fl-iskejjel ewlenin, sabiex jiġi inkluż fis-soċjetà.
- L-għan huwa li kulħadd ikun jista' jsib postu fis-soċjetà.

Iż-żgħażagħ ikkunsidraw li l-istudenti kollha jeħtieġu jitgħallmu flimkien sabiex jgħixu flimkien. Dawn qalu li dan huwa l-ewwel pass fil-proċess lejn l-inklużjoni soċjali. Aktar ma jkunu għadhom żgħar l-istudenti meta jitlaqqgħu flimkien, aħjar ikun biex dawn jitgħallmu t-tolleranza reċiproka u jirrispettaw id-differenzi. Jitgħallmu minn

età żgħira jikkomunikaw, jilqgħu u jaqsmu l-esperjenzi differenti u jagħrfu s-saħħiet aktar milli jiffokaw fuq id-dgħufijiet. Jitgħallmu l-iskola li għandhom jiġu kkunsidrati għal dak li jistgħu jagħmlu u mhux għad-diżabilità tagħhom jew il-mod kif jidhru. Dan ifisser mhux biss l-inklużjoni tagħhom fil-programmi edukattivi, iżda wkoll l-involviment tagħhom fl-attivitajiet kollha rikreattivi. Iż-żgħażagħ indikaw li t-tagħlim flimkien fl-iskola jippermettilhom isibu posthom u jiġu inklużi fis-soċjetà.

*Eżempji mogħtija mid-delegati*

> *Huwa kruċjali għalina li nkunu inklużi fl-iskejjel ewlenin sabiex niġu inklużi fis-soċjetà* (Andrea u Isaac, Malta; Nathan u Loïse, l-Iżvizzera; Mathilde u Thelma, Franza; Adriana u Mandy, il-Belġju – komunità li titkellem bil-Fjamming; Darnell u Vincent, in-Netherlands; Jade u Lucas, il-Belġju – komunità li titkellem bil-Fjamming).
>
> *Kulħadd għandu jkollu ċans jieħu sehem fil-klassijiet kollha u l-għalliema għandhom jgħinu jagħmlu dan possibbli, sabiex ikun iktar faċli għalina meta nidħlu fis-suq tax-xogħol* (Amund u Helene, in-Norveġja).
>
> *Naħseb li għandna nistudjaw flimkien. Għaliex fis-soċjetà ngħixu flimkien ukoll. Jekk naqsmu l-edukazzjoni flimkien, diġà nkunu qed nitgħallmu ngħixu flimkien. Għaliex din hija xi ħaġa li niksbu għal ħajjitna. Grazzi għal dawn ir-riżorsi, nitgħallmu kif inkunu awtonomi. L-idea hija li kulħadd isib postu fis-soċjetà* (Adrià, moderatur, Spanja).
>
> *Kulħadd irid jikkomunika u jieħu parti u jaqsam l-esperjenzi ma' persuni oħrajn* (Paul, il-Ġermanja).

## KUMMENTI FINALI

Ir-riżultati tas-Seduta ta' Smigħ u r-*Rakkomandazzjonijiet tal-Lussemburgu* huma konformi ma' u kumplimentari għad-dokumenti Ewropej u internazzjonali uffiċjali rilevanti fil-qasam tal-ħtiġijiet speċjali u l-edukazzjoni inklużiva.

Il-ħames messaġġi juru d-deskrizzjoni taż-żgħażagħ tal-edukazzjoni tagħhom, kif ukoll is-suġġerimenti tagħhom biex jitjiebu l-affarijiet. Il-messaġġi jiddeskrivu – b'mod konkret u prattiku ħafna – ċertu kunċetti mqajma f'ħafna studji dwar l-edukazzjoni inklużiva. Iż-żgħażagħ enfasizzaw l-edukazzjoni inklużiva bħala kwistjoni ta' drittijiet umani u poġġew kunċetti ewlenin bħan-normalità, it-tolleranza, ir-rispett u ċ-ċittadinanza, fiċ-ċentru tad-diskussjonijiet tagħhom. Dawn kienu qed jiddeskrivu wkoll dak li d-disinn universali jfisser għalihom, u għaliex it-tagħlim privat/sostenn bejn il-pari, it-tagħlim kooperattiv u l-programmi individwalizzati għandhom effett pożittiv fuq l-edukazzjoni tagħhom.

L-istudenti żgħażagħ qalu b'mod espliċitu li l-vuċijiet tagħhom għandhom jingħataw kunsiderazzjoni fi kwalunkwe teħid ta' deċiżjonijiet li jikkonċernawhom. Sabiex tinkiseb l-inklużjoni reali, għandha tittieħed azzjoni reali, b'kooperazzjoni mal-partijiet kollha involuti. L-għalliema u l-mexxejja tal-iskola għandhom jaħdmu flimkien biex jiżguraw l-inklużjoni; il-ħbieb tal-klassi għandhom jgħinu lil xulxin; it-taħriġ tal-għalliema għandu jiżgura li l-għalliema jafu kif jiffaċilitaw l-aħjar edukazzjoni għal kulħadd u jagħtu sostenn lil xulxin; l-għalliema ta' sostenn għandhom jgħinu u mhux jagħmlu x-xogħol minflok l-istudent; u l-partijiet kollha għandhom jiffukaw biex isolvu s-sitwazzjonijiet u mhux jaġixxu daqslikieku hemm il-problemi.

Id-delegati enfasizzaw li, filwaqt li jinkwetaw fuq id-dettalji prattiċi, it-tħassib ewlieni tagħhom huwa relatat mal-attitudnijiet u l-mod kif għandu jingħeleb il-preġudizzju.

Dawn irrikonoxxew li, fil-maġġoranza tal-każijiet, l-għalliema u l-ħbieb tal-klassi huma tolleranti u jifhmu d-diżabilità tagħhom, sakemm jingħataw iż-żmien biex jifhmu s-sitwazzjoni – l-eċċezzjonijiet huma rari ħafna.

Għandu jitpoġġa enfasi fuq iż-żieda fl-għarfien dwar id-diżabilità, sabiex in-nies ikunu infurmati fuq il-ħtiġijiet u l-punti tajbin tal-persuni b'diżabilitajiet. Huwa importanti li wieħed ma jiġġeneralizzax. Sempliċiment għaliex xi ħaġa taħdem għal persuna waħda b'diżabilità dan ma jfissirx li l-istudenti kollha b'diżabilità huma l-istess.

Fl-aħħar nett, l-inklużjoni mhux biss tirreferi għal persuni b'diżabilità, iżda wkoll għall-inklużjoni ta' persuni minn sfondi differenti. Xi parteċipanti żgħażagħ indikaw li kienu sofrew diskriminazzjoni doppja minħabba li għandhom diżabilità u jiġu minn grupp kulturali differenti mill-pari tagħhom jew minħabba li għandhom sfond ta' immigrant.

Ir-*Rakkomandazzjonijiet tal-Lussemburgu* kienu ppreżentati lill-Kunsill tal-Ministri matul il-laqgħa "Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sports" fit-23 ta' Novembru 2015, u lill-Kumitat tal-Edukazzjoni fit-2–3 ta' Diċembru 2015, għall-kunsiderazzjoni tagħhom u bħala bażi għal aktar azzjoni.



**Figura 5: Il-parteċipanti tas-Seduta ta' Smigħ Ewropea**

**MT**

Segretarjat:

Østre Stationsvej 33
DK-5000
Odense C
Denmark
Tel: +45 64 41 00 20
secretariat@european-agency.org

Uffiċċju ta' Brussell:

Rue Montoyer 21
BE-1000
Brussels
Belgium
Tel: +32 2 213 62 80
brussels.office@european-agency.org

**www.european-agency.org**